# Maltese Paediatric Association

## Sick leave meta t-tfal jimirdu

*Stqarrija għall-Istampa*

- L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Pedjatrija tinnota li fil-manifest elettorali l-Partit Laburista kien wiegħed li s-*sick leave* intitolat ikun jista' jintuża f'każ li l-ulied ikunu ma jifilħux. Il-Partit Nazzjonalista wkoll kien ippropona li s-*sick leave* ikun jista' jintuża meta jimirdu t-tfal.

- Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni tħeġġeġ il-membri parlamentari fuq iż-żewġ naħat tal-kamra li jikkoperaw u jaħdmu flimkien biex, wara diskussjonijiet ma dawk kollha konċernati, tkun implimentata din il-proposta u parti mis-*sick leave* jibda' jiġi meqjus għal dan l-għan ġust.

- Din il-miżura fejjieda għandha twassal għal rispett u lealtà akbar mill-impjegat peress li min iħaddem ikun qed jirrikonoxxi r-responsabbiltà tal-ħaddiem lejn uliedu. Barra minn hekk il-ġenituri jserrħu moħħhom li huma jkunu jistgħu jieħdu ħsieb 'l uliedhom meta jimirdu. Wara kollox it-tfal ifittxu l-wens ta' ommhom u missierhom meta jkunu l-aktar dgħajfa u vulnerabbli.

Prof Thomas Attard
President

Dr Mark Buttigieg
Segretarju

17 ta' Ġunju 2015